MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 25

28 ta' Lulju 2009

Minuti tas-Seduta Nru. 25 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 28 ta' Lulju 2009.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Buttigieg rrefera għall-minuta 2.2.4. tas-seduta 23 **(Ref: P/5/8/P; B/5/Vol III; X/1/5)** u talab li din tiġi emendata kif ġej:

*"2.2.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa xi ftit jew wisq xettiku dwar il-proposta li għamel fis-seduta preċedenti dwar caravan site oħra f'Daħlet ix-Xmajjar minflok f'Tal-Prajjet. Dan għaliex diġa teżisti waħda li tiffunzjona fuq bażi kummerċjali. Kompla jgħid li allura jkun jagħmel sens li jinstab sit ieħor fejn jistgħu jitpoġġew il-caravans.".*

1.2. L-istess kunsillier ġibed l-attenzjoni wkoll għall-minuta 5.4. tas-seduta 23 **(PRF *item* 5)** u talab li din tinqara hekk:

*"5.4. L-istess kunsillier ġibed l-attenzjoni għal item 5 ta' l-iskeda u kkummenta li s-servizz ta' l-audio qed jintalab ta' spiss b'rabta ma' l-attivitajiet li qed iseħħu. Huwa għalhekk ippropona li għandha tiġi mistħarrġa l-possibiltà li ssir sejħa għall-offerti dwar dan is-servizz."*

1.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna għall-minuta 8.2 tas-seduta 23 **(Ref: P/7/1/Vol VIII)** u talab li din tinqara kif ġej:

*"8.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill jista' ma segwiex il-proċedura stabbilita, peress li kellu jagħmel sejħa sabiex jara jekk kienx hemm impjegati minn fost Kunsilli Lokali oħra li setgħu kienu nteressati. Huwa qal li qed jagħmel hekk f'dan il-punt, peress li nġibditlu l-attenzjoni wara li saru l-intervisti.".*

1.4. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta 23 **(Ref: E/3/1)** u talab li tiġi emendata kif ġej:

*"14.2. Il-Kunsillier C. Bartolo ppropona li jiġi ntrodott kors fil-Leadership Skills għall-għaqdiet Melleħin minn għalliem ikkwalifikat. Huwa qal li l-prezzijiet li ntalbu huma €25 għal persuna waħda, €40 għal żewġ persuni u €50 għal tliet persuni fl-istess għaqda.".*

1.5. Il-minuti tas-seduta Nru. 23 u 24 li saru fis-6 u s-16 ta' Lulju 2009 ġew approvati u ffirmati bl-emendi t'hawn fuq.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Premju EDEN - *European Destination of Excellence 2009* (T/12/Vol II)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 2.4.1. tas-seduta Nru. 23. Is-Sindku għarraf li l-preżentazzjoni tal-premju EDEN issir f'żewġ partijiet – f'Malta fl-20 ta' Awwissu 2009 u fi Brussel fit-8 ta' Ottubru 2009. Huwa qal ukoll li sar *filming* ta' diversi postijiet ta' interess fil-Mellieħa sabiex ikun jista' jintwera waqt il-preżentazzjonijiet imsemmija, kif ukoll fuq l-ajruplani ta' l-Airmalta u l-catamaran tal-Virtù Ferries.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Introduzzjoni ta' *Bye-Laws* dwar Kampijiet u Attivitajiet fil-Beraħ (B/5/Vol III)(X/1/5)(P/5/8/P)

2.2.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 7.1. tas-seduta 24, kif ukoll għall-aħħar abbozz tal-*bye-laws* li ġie tradott għall-Ingliż wkoll wara d-diskussjoni li kien hemm fis-seduta preċedenti. Kopja ta' l-istess abbozz ġiet mgħoddija lill-membri kollha tal-Kunsill qabel is-seduta.

2.2.3. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni għall-stqarrija li ġie ppubblikata mill-Birdlife Malta, Nature Trust u s-Soċjetà Din l-Art Ħelwa fit-22 ta' Lulju 2009, fejn faħħru l-inizjattiva tal-Kunsill li wasslet sabiex jitneħħew il-caravans li nġiebu fiż-żona tal-Foresta 2000, taħt it-Torri l-Aħmar.

2.2.4. Billi ma kienx hemm kummenti dwar l-abbozz ippreżentat, kien hemm qbil li din għandha tiġi mgħoddija lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-konsiderazzjoni tal-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali, kif stipulat fl-Artiklu 35(3) ta' l-Att XV ta' l-1993.

2.2.5. Is-Sindku kkummenta li f'dak li jirrigwarda l-Bajja ta' l-Għadira jkun hemm talbiet sabiex isiru *beach parties*, li spiss ikun hemm ilmenti dwarhom kemm mil-lat ta' indafa, kif ukoll inkonvenjenzi minħabba mużika li tindaqq b'volum għoli. Huwa ppropona li dawn ma jsirux lanqas f'dawk iż-żoni fejn mhux ser ikunu permessi il-*barbecues*.

2.2.6. Il-Kunsill qabel li l-*policy* dwar il-*beach parties* fl-Għadira għandha tkun kif proposta fil-minuta 2.2.5.

### 2.3.1. Tmiem-il kariga ta' Bernd Schiffarth – Sindku ta' Adenau (K/1/5/Vol IV)

2.3.2. Saret referenza għall-minuta 4.7.1. tas-seduta 23. Il-Kunsillieri J. Azzopardi u P. Cutajar għarrfu lill-Kunsill li huma lesti jattendu għal din l-okkażjoni waqt żjara li ser isseħħ bejn l-24 u s-26 ta' Awissu 2009. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa jkun jista' jikkonferma l-attendenza tiegħu aktar tard.

2.3.3. Il-Kunsill qabel li jipprovdi l-biljetti ta' l-ajru, it-tren u l-assikurazzjoni kif provdut fl-Avviż Legali 144 ta' l-2009.

### 2.4.1. Qlib ta' l-ilma fi Triq l-Assedju l-Kbir (T/4/13/Vol IX)

2.4.3. Saret referenza għall-minuta 4.8.1. tas-seduta 23. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret laqgħa fuq il-post li għaliha attendew il-periti tal-Kunsill u dak inkarigat mill-persuna li qed tilmenta. Attendew ukoll il-kuntrattur li kien responsabbli mix-xoghol – Central Asphalt Ltd – flimkien mas-Sindku u s-Segretarju. Intlaħaq qbil li għandhom jsiru catch pits qrib ir-residenza Nru. 40 fi Triq l-Assedju l-Kbir, wara li jittieħdu l-livelli. Biex jinsab rimedju għall-problemi li joħloq l-ilma tax-xita fi Triq iċ-Ċikken ġie irrakkomandat ukoll li jsiru catch pits oħra fi Triq iċ-Ċikken biex b'hekk ukoll jonqos l-ammont ta' ilma li jaqa' fi Triq l-Assedju.

2.4.4. Il-Kunsill approva x-xogħlijiet proposti.

### 2.5.1. Premju – Sportivi Melleħin tas-Sena 2008/09 (S/4/4)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-attività li saret nhar is-Sibt 25 ta' Lulju 2009 u qal li din marret tajjeb għalkemm kien hemm problemi bil-kwalità ta' l-immaġini tal-*feature* li ġie mtellgħa.

2.5.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi staqsa dwar jekk il-lista tal-mistednin kinitx tinkludi d-Deputati tad-Distrett. Is-Sindku wieġeb li kienu mistednin id-Deputati kollha tad-Distrett, flimkien mas-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni – Dr Chris Said, u l-kelliemi tal-Partit Laburista fuq il-Kunsilli Lokali Dr Stefan Buontempo. Kienu

mistiedna wkoll s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Isports – l-Onor Clyde Puli u l-kelliemi tal-Partit Laburista dwar l-Isports – l-Onor. Chris Agius.

### 2.6.1. Artiklu fil-gazzetta "Kull Ħadd" (M/3/Vol III)

2.6.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 4.1.1. tas-seduta 24 dwar artiklu li deher fil-ħarġa tal-gazzetta "Kull Ħadd" tat-12 ta' Lulju 2009, bit-titlu *"Is-Sindku tal-Mellieħa b'permess għall-bini li kellu jkun irrifjutat"*. Huwa qal li ta t-tweġiba tiegħu fil-ħarġa ta' l-istess gazzetta tad-19 ta' Lulju 2009 fejn ġie ikkonfermat li l-bini kellu l-permessi kollha meħtieġa.

2.6.3. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għal ittra li dehret fil-gazzetta l-Orizzont intitolata *"Partiġġjaniżmu Sfrenat"* tal-21 ta' Lulju 2009. Is-Sur Fenech qal li huwa ġie akkużat li ma jaħdimx ma' l-għaqdiet kollha tal-Mellieħa, meta dan mhux il-każ. Huwa sostna li fil-fatt sejħilhom diversi drabi biex jikkordina attivitajiet magħhom, iżda dawn għal xi raġuni naqqsu milli jikkonkorru. Huwa qal li l-punti msemmija fl-istess ittra kienu tqanqlu waqt seduta tal-Kunsill ftit żmien qabel, u għalhekk qal li għandu suspetti li hemm membri tal-Kunsill li jiktbu, jew jipprovokaw il-kitba ta' dawn l-ittri fil-gazzetti.

2.6.4. Il-Kunsillier C. Bartolo pprotesta li dawn it-tip ta' akkużi mhux ġusti li jsiru, għaliex m'hemm l-ebda prova li tindika dan b'mod ċar.

2.6.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li jista' jkun hemm persuni li jkunu qed isegwu minn barra l-andament ta' l-operat u l-attivitajiet tal-Kunsill, illi l-iskop ewlieni tagħhom ikun li joħolqu polemika. Huwa qal li jkun żball illi l-operat tal-Kunsill jispiċċa suġġett ta' kontroversja fil-ġurnali u l-mezzi tax-xandir, għaliex ikollu effett negattiv fuq il-lokalità.

2.6.6. Is-Sindku kkummenta li huwa jaqbel ma' l-opinjoni espressa fil-minuta preċedenti u għalhekk għandu jsir sforz miż-żewġ partiti politiċi rappreżentati fil-Kunsill sabiex dawn il-battibekki jieqfu. Ikkummenta wkoll dwar kampanja sistematika li qed issir biex jiġi oskurat is-Sindku u l-ħidma li qed titwettaq fil-Mellieħa.

### 2.7.1. Aġġornament tas-sit elettroniku (I/1/3/Vol III)

2.7.2. Il-Kunsillier P. Cutajar irrefera għall-minuta 16.1. tas-seduta 23 u għarraf li huwa ltaqa` mas-Sinjuri Petronella Van der Weerden, Ian Cilia u Gilbert Mifsud dwar l-aġġornament tas-sit elettroniku tal-Kunsill. Huwa qal li l-aġġornament li jsir ser ikun limitat għal *photo gallery*, filwaqt li f'dak li jirrigwarda avvenimenti, aħbarijiet u tagħrif ieħor, jeħtieġ li jibqa' jsir mis-Segretarjat.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 03/07/09 - 24/07/09
- *Purchase Request Form* – 24/07/09
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Abbozz ta' *Bye-Laws* dwar l-Ikkampjar, *Caravans* u Tisjib fil-Beraħ
- Memo lill-Kunsillieri dwar il-Gemelleġġ proposta ma' Agia Napa f'Ċipru – 28/07/09
- Abbozz ta' programm dwar l-"Iljieli Melleħin 2009"

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Faċilitajiet ta' ħatt u tagħbija fl-Għadira (T/3/2/Vol X)

4.1.2. Saret referenza għall-ittra datata 7 ta' Lulju 2009, mibgħuta minn Vanessa Schembri sabiex jiġu ntrodotti faċitaliet ta' ħatt u tagħbija fi Triq il-Marfa, fl-Għadira qrib is-Sandancer Kiosk.

4.1.3. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li jeżistu negozji oħra mal-promenade ta' l-Għadira jistgħu jitolbu l-istess faċilitajiet. Ġie osservat ukoll li fejn ingħataw faċilitajiet simili, dawn dejjem kienu għall-benefiċċju ta' numru ta' negozji.

### 4.2.1. Aċċess għax-xifer minn Triq l-Etna (T/4/8/2)

4.2.2. Saret referenza għall-ittra datata 4 ta' Lulju 2009, mibgħuta mis-Sur John Collison fejn qed jaċċenna li l-Kurja Arċiveskovili kienet ħarġitlu permess sabiex jibni ħajt madwar l-art li tinsab biswit ir-residenza tiegħu fi Triq l-Etna. Meta applika għall-permess tal-MEPA biex jagħmel dan, it-talba dejjem ġiet rifjutata. Ġie spjegat li fil-fatt kien hemm tliet applikazzjonijiet – PA 4226/92, PA 2327/94 u PA 3934/07. Fil-każ ta' l-aħħar, Collison qed jitlob lill-Kunsill jirtira l-oġġezzjoni tiegħu, billi l-kawża dwar l-aċċess għall-art li hemm biswit il-villa tiegħu nqagħtet favur tiegħu. Intqal li meta saret l-oġġezzjoni, il-Kunsill ma kienx daħal f'dan il-mertu, għaliex sempliċiment kien ġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-art in kwistjoni hija protetta permezz ta' Avviż Nru. 681 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-25 ta' Awwissu 2000. Bis-saħħa ta' l-istess avviż, il-MEPA ddikjarat iż-żona bħala waħda ta' importanza ekoloġika u xjentifika tat-Tieni Livell, skond il-poteri li jagħtuha l-*policies* RCO 10.8 u RCO 12.2 tal-Pjan ta' Struttura. Forma oħra ta` protezzjoni kienet ingħatat meta l-fortifikazzjonijiet tat-Tieni Gwerra Dinjija, eżistenti fuq l-istess sit, ġew skedati permezz ta` Avviż 895 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 2002, bis-saħħa ta' *Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura. Il-*Policy* NWML 11 tal-Pjan Lokali titkellem ukoll dwar din iż-żona fuq l-istess linji.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-oġġezzjoni illi kienet saret għall-applikazzjoni PA 3934/07 m'għandiex tiġi rtirata għaliex ir-raġunijiet li fuqhom ġiet ibbażata għadhom fis-seħħ.

### 4.3.1. Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010 (F/1/7)

4.3.2. Sar aċċenn għall-Memo 42/2009 fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li reġgħet ġiet imnedija l-Iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010. Id-data ta' l-għeluq hija l-11 ta' Settembru 2009. L-attivitajiet li jistgħu jibbenefikaw mill-iskema jridu jseħħu bejn l-1 ta' Diċembru 2009 u l-15 ta' Ġunju 2010 u bejn il-15 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru 2010.

4.3.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jiġu sottomessi tliet applikazzjonijiet kif jidher hawn taħt:

(a) Milied Mellieħi – Edizzjoni 2009;

(b) L-Ibliet Lejn il-Majjistral – Edizzjoni Mejju 2010; u

(c) Milied Mellieħi – Edizzjoni 2010.

### 4.4.1. Talbiet għall-fondi taħt il-Pjan għall-Iżvilupp Rurali - Mizura 313 u 323 (P/10/3)

4.4.2. Saret referenza għal petizzjoni datata 9 ta' Lulju 2009, mibgħuta minn diversi persuni wara li tressqet applikazzjoni mill-Kunsill mal-MEPA – PA 2368/09 – fejn l-istess Kunsill talab sabiex jirrestawra l-irziezet li hemm quddiem il-Palazz ta' Selmun, b'rabta ma' talba għall-fondi taħt l-ERDF Miżura 313 u 323 ta' l-Unjoni Ewropea. L-istess persuni qed jgħidu li jużaw l-istess bini għat-trobbija ta' l-annimali u biex jerfgħu l-għodod tar-raba.

4.4.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li għalkemm il-bini msemmi għadu qed jintuża mill-persuni li ffirmaw il-petizzjoni, it-Taqsima Proprjetà tal-Gvern ilha żmien twil ma taċċettax il-ħlas tal-kera minn għandhom.

### 4.5.1. PA 2232/09 - Zvilupp ta' Plot 485, Triq il-Qortin (P/5/8/Q)

4.5.2. Inqrat *e-mail* datata 15 ta' Lulju 2009, mibgħuta mill-Ghaqda tar-Residenti ta' Santa Marija Estate fejn qed jitolbu l-appoġġ tal-Kunsill għall-oġġezzjonijiet li l-għaqda għandha dwar applikazzjoni msemmija. Il-Kunsill ġie mfakkar li din tinvolvi l-bini ta' żewġ *residential units* u *semi-basement* taħt kull wieħed. Intqal li xi żmien qabel kienet saret applikazzjoni – PA 2973/08 - għall-bini ta' erba' *residential units* b'*semi-basement* taħthom. L-Għaqda qed issostni li żvilupp ta' dan it-tip, ġewwa Santa Marija Estate, ser iżid id-densita` tar-residenti, filwaqt li jitnaqqas drastikament il-*landscaping*.

4.5.3. Il-Kunsill qabel li għandu jappoġġja l-posizzjoni addottata mill-Għaqda fid-dawl ta' *Policy* NWUS 5 (Map 29) tal-Pjan Lokali.

### 4.6.1. Żjara mill-Blasochester Stadt Adenau Band (K/1/5/Vol IV)

4.6.2. Saret referenza għall-kunċert li kien ingħata mill-banda msemmija fi Triq San Pubbliju, kantuniera ma' Triq it-Tramuntana fl-4 ta' April 2009. Il-Kunsill ġie mfakkar li fl-istess ħin ġiet inawgurata wirja mill-Art Club 2000 dwar arti sagra fis-sede tagħhom fi Triq San Pubbliju stess. Il-kumitat ta' l-istess klabb appella sabiex il-Kunsill jgħin fil-ħlas tal-bibità li saret għall-okkażjoni liema spejjeż kienu jammontaw għal €465. Għall-istess bibità ġew mistiedna l-bandisti.

4.6.3. Il-Kunsill iddeċieda jikkontribwixx €100, minħabba t-talba l-ospitalità li ngħatat lill-bandisti li ħadu sehem f'attività tal-Kunsill.

### 4.7.1. Festa tal-Qara' Aħmar fil-Manikata (S/6/Vol IV)

4.7.2. Inqara *e-mail* datat 23 ta' Lulju 2009, mibgħut mill-Koperattiva Rurali tal-Manikata, li appellat lill-Kunsill sabiex jissieħeb fl-organizzazzjoni tat-tieni edizzjoni tal-Festa tal-Qara' Aħmar li ser issir fi Triq Dun Manwel Grima fil-Manikata stess fl-1 ta' Novembru 2009.

4.7.3. Il-Kunsill iddeċieda li jipparteċipa f'din l-attività sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma' jeċċedix €150.

### 4.8.1. Serata kulturali fil-Manikata (S/6/Vol III)

4.8.2. Saret referenza għal *e-mail* datata 23 ta' Lulju 2009, mibgħuta mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-Manikata fejn saret talba lill-Kunsill sabiex jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' l-attività li ser issir lejlet il-Festa ta' San Gużepp fil-Manikata fid-29 ta' Awwissu 2009, imsejħa "Lelja għaż-Żiffa". L-attività ser tkun tikkonsisti f'wirja agrarja, imtellgħa mill-Koperattiva Rurali tal-Manikata, bejgħ ta' prodotti, u divertiment.

4.8.3. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jaqbisx €350.

### 4.9.1. Ftuħ ta' Uffiċċju Informazzjoni għat-Turisti (A/6/7/4)

4.9.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret laqgħa bejn is-Sindku u s-Sur Joseph Bonello mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu dwar il-ftuħ tat-*Tourist Information Office* f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa. Biex dan ikun jista' jiffunzjona, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jipprovdi l-linja tat-telefon, bil-faċilità ta' l-*overseas* imblukkata, filwaqt li l-ispejjeż ta' l-ADSL meħtieġa għas-servizz ta' l-internet, jiġu koperti mill-Awtorità.

4.9.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li tinġarr din l-ispiża sakemm il-linja tkun imblukkata għal sejħiet għall-barra minn Malta, filwaqt li għandu jiġi stabbilit limitu ta' €20 fuq sejħiet għal fuq telefons ċellulari, kemm-il darba dan ikun teknikament possibbli.

4.9.4. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li saru kuntatti mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mit-Turiżmu, l-Onor. Mario Demarco, sabiex l-uffiċċju jibda jinfetaħ mill-istudenti ta' l-Istutut għall-Istudji Turistiċi mill-20 ta' Awissu 2009.

4.9.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li din il-kamra kienet inbniet mingħajr permess snin ilu. Huwa għalhekk ippropona li tintuża minflokha l-gabbana li hemm fil-qrib.

4.9.6. Is-Sindku wieġeb li għalkemm, il-gabbana hija proprjetà tal-Gvern, din tappartjeni lis-sidien tal-bar li hemm f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawl II. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li din fiha diġa l-arloġġ tad-dawl u anke sar xogħol ta' manutenzjoni fuqha. Huwa fakkar ukoll li l-kamra li ser tintuża bħala uffiċċju nformazzjoni kienet ġiet devoluta mit-Taqsima Proprjetà tal-Gvern f'Settembru 2008 wara talba li saret bl-approvazzjoni tal-Kunsill. Preżentazzjoni taċ-ċwievet kien saret mis-Segretarju Parlamentari għall-Artijiet u Erarji Pubbliċi – l-Onor. Jason Azzopardi waqt l-Iljieli Melleħin 2008.

### 4.10.1. Korsijiet organizzati flimkien mal-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u t-Taħriġ (E/3/1/Vol II)

4.10.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għal ittra datata l-1 ta' Lulju 2009, fejn il-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u t-Taħriġ (ETC), ser torganizza korsijiet fil-qari u l-kitba bil-Malti u l-Ingliż, ħiliet bażiċi u *empowerment skills* għan-nisa. Huwa qal li r-residenti għandhom jiġu nfurmati b'dawn l-opportunitajiet sabiex isir magħruf dwar jekk hemmx interess għalihom. Is-Sur C.

Bartolo għarraf ukoll li dawn jibdew f'Ottubru 2009 u s-sehem tal-Kunsill ikun biss li joffri l-faċilitajiet meħtieġa fl-ufficċju tiegħu jew xi post ieħor fil-lokalità.

4.10.3. Il-Kunsill qabel li jidħol għal din l-inizjattiva.

### 4.11.1. Vandaliżmu fi Ġnien il-Pellegrini (K/6/3/Vol III)

4.11.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 23 ta' Lulju 2009, mibgħuta mis-Sur Michael Norton, fejn ġibed l-attenzjoni għall-vandaliżmu u imġieba ħażina ta' xi ndividwi fi Ġnien il-Pellegrini li jinsab preċiżament quddiem ir-residenza tiegħu.

4.11.3. Is-Segretarju fakkar li ż-żamma ta' dan il-ġnien hja koperta bil-kuntratt li l-Kunsill għandu ma' l-Environment Landscapes Consortium Ltd, filwaqt li l-ħaddiema ta' l-IPSL mill-inqas iżuru dan il-ġnien darba fil-ġimgħa.

4.11.4. Kien hemm qbil li l-*Contracts Manager* għandu jintalab jagħmel rapport dwar l-istat tal-ġonna kollha fil-Mellieħa u l-Manikata sabiex jiġi mgħoddi lill-ELC Ltd.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 24 ta' Lulju 2009.

5.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna għal *item* 16 li jinvolvi d-dwal li saru b'rabta mal-Mellieħa Motor Sports Festival li sar fl-4 ta' Lulju 2009. Huwa kkummenta li dawn it-tip ta' spejjeż qed ikunu frekwenti u għalhekk jeħtieġ li jintalbu stimi minn qabel iseħħ l-avveniment sabiex l-ispiża tkun magħrufa minn qabel. Huwa tenna wkoll li dan japplika wkoll għall-kiri ta' apparat ta' l-audio.

5.4. Is-Sindku wieġeb li l-affarijiet qed isiru bħalma kien isir qabel, bid-differenza li n-numru ta' attivitajiet kiber. Huwa qal li *item* 16 kien meħtieġ sabiex iddawwlet Triq il-Marfa u Triq Ġorġ Borg Olivier. Fil-fatt saru 60 riflettur li baqgħu jiżdiedu sa eżatt qabel seħħ l-avveniment, peress li kien qed jirriżulta illi partijiet mill-korsa kienu għadhom fid-dlam.

5.5. Is-Segretarju kkummenta li l-esperjenza wriet li meta jintalbu stimi ripetotament lill-istess ditti jew individwi, minn ma jkunx daqhekk kompetitiv ma jibqax jaghtihom. Għalhekk ikun aktar għaqli li ssir sejħa għall-offerti milli jkun hemm ħafna telf ta' ħin f'talbet għal stimi.

5.6. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni għal *item* 47 u 48 dwar il-bibità li kien hemm wara li ntemmet is-serata ta' Premju Sportivi Melleħin tas-Sena 2008/09 fil-25 ta' Lulju 2009. Hu rrimarka din l-ispiża kellha tkun magħrufa qabel.

5.7. Il-Viċi Sindku E. Bartolo wieġeb li għalkemm kien hemm ħames *item*s ta' l-ikel, il-*caterer* ser jiċċarġja biss għas-servizz ta' erba' *waiters* u l-materjal *disposable* li ntuża. Dwar l-inbid, huwa qal li dan ma ġiex ikkunsmat kollu u parti sostanzjali minnu ser jiġi ritornat jew jista' jintuża għal xi attività oħra tal-Kunsill.

5.8. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet imressqa skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-3 u l-24 ta' Lulju 2009.

6.3. Il-Kunsill ra l-kontenut ta' l-skeda u approva l-pagamenti elenkati fiha.

### 7.1. Estensjoni tal-lukanda Maritim Hotel Antonin & Spa (P/5/8/G)

7.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li wara l-laqgħa illi kien hemm ma' l-iżviluppatur għandha tintalab laqgħa mal-*Case Officer* li qed jittratta l-applikazzjoni PA 2098/06.

7.3. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti fis-seduta preċedenti, kif ukoll mill-pjanti li ngħataw mill-iżviluppatur, kien hemm qbil li għandha ssir talba sabiex il-Kunsill jingħata d-dritt li jintervjeni waqt id-diskussjoni ta' l-applikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Kontroll ta' l-Iżvilupp.

**8.1. Arranġamenti għall-Festa tal-Vitorja (F/2/Vol V)**

8.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo ppropona li ssir laqgħa għas-soċjetajiet kollha nvoluti fl-organizzazzjoni tal-Festa tal-Vitorja, inkluż il-Kappillan u l-Uffiċjali tal-Pulizija tad-Distrett. Ġie ssuġġerit li laqgħa ssir fit-3 ta' Awissu 2009 fit-8.00pm.

8.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**9.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:**

**"Billi saret rijallokazzjoni ta' fondi fl-Estimi għas-sena finanzjarja 2008/09 sabiex jagħmlu tajjeb ħalli jiġi mpjeġat ir-raba' uffiċjal mal-Kunsill, fi Skala 15;**

**Billi s-Subartiklu (1) ta' l-Artiklu 53 ta' l-Att XV ta' 1993 jippermetti t-tielet impjegat oltre s-Segretarju Eżekuttiv, meta jitqies li l-popolazzjoni tal-lokalità skond l-aħħar statistika ppubblikata mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika hija ta' 8,100;**

**Billi ġew intervistati numru ta' persuni bil-permess tal-Korporazzjoni għall-Impjiegi u Taħriġ, kif ukoll sar test prattiku lil dawk li ġew *shortlisted*, sabiex jimtela' dan il-post;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt indefinit mas-Sinjura Patricia Cordina, (ID: 455269M), b'effett mit-13 ta' Lulju 2009, skond il-provedimenti ta' u l-Avviż Legali 127 ta' l-1998.". (P/7/1/Vol VIII)**

9.2. Is-Sindku rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta preċedenti, fis-sens li kellha tintalab l-opinjoni tad-Dipartiment għall-Gvern rigward il-proċedura li ġiet segwita. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid illi wara li nġieb il-permess mill-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u Tahrig (ETC), il-Kunsill kellu jagħmel sejħa fost l-impjegati tal-kunsilli lokali kollha.

9.3. Is-Segretarju tenna li fl-opinjoni tiegħu din l-interpretazzjoni mhix korretta għaliex irrispettivament minn kwalunkwe arranġament li jista' hemm fis-seħħ, inkluż xi ftehim kollettiv jew *policies* mħaddma mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, jidher b'mod ċar li, la r-Regolamenti dwar Riżorsi Umani u wisq anqas l-Att XV ta' l-1993 ma jispeċifikaw eżatt xi tfisser il-klawsola fil-*proviso* tar-regolament 16(1)(a) li tghid"*... il-Kunsill ghandu johrog sejha ghall-applikazzjonijiet skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att*". Is-Sur C. Debono kompla jgħid li kemm-il darba kien hemm proċedura li ġiet introdotta wara l-iffirmar ta' xi ftehim kollettiv, din kellha tkun riflessa wkoll fil-liġi, għaliex il-liġi biss għandha tħoll u torbot. B'dan il-mod ma jkunx hem mil-ħtiega li wieħed jirrikorri ghand xi uffiċjal partikulari, bħalma ġie ndikat fit-tweġiba mogħtija mid-Dipartiment. Fin-nuqqas ta' dan kollu, wieħed għallinqas kien jistenna memo mid-Dipartiment bħala gwida lill-kunsilli lokali, għalkemm huwa tenna li dan mhux biżżejjed f'materja ta' din ix-xorta. Minkejja dan kollu, is-Sur Debono kompla jgħid li ma jixtieqx li tinħoloq polemika fuq dan il-punt u għalhekk għandha ssir sejħa għall-impjegati tal-Kunsilli Lokali sabiex jiġu ntervistati dawk interessati, bil-għan li tinstab persuna li ttaffi mill-volum qawwi ta' xogħol li qed ikollu jħabbat wiċċu miegħu s-segretarjat.

9.4. Is-Sindku qal kemm-il darba jsir hekk, huwa jħoss li r-riżultat ta' l-intervisti u t-test prattiku għandu jibqa' validu, kemm-il darba ma tinstabx persuna li tkun diġa impjegata ma' xi kunsill lokali.

9.5. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li kandidat illi jkun diġa mpjegat ma' xi kunsill lokali m'għandux jiġi kkunsidrat bl-istess mod bħal kandidat li ġej minn barra. Għaldaqstant ir-riżultat ta' l-intervisti li diġa saru m'għandhomx jitqabblu ma' ta' xulxin.

9.6. Il-Viċi Sindku E. Bartolo kkummenta li t-tweġiba tad-Dipartiment mhix ċara biżżejjed għaliex għalkemm qed tgħid li kellha ssir sejħa fost l-impjegati tal-Kunsilli Lokali, ma tagħti ebda ħjiel ta' kif għandu jipproċedi minn issa 'l quddiem.

9.7. Il-Kunsill iddeċieda li l-proċedura illi tiġi segwita minn issa 'il quddiem għandha tkun skond l-istruzzjonijiet li jingħataw mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Għaldaqstant kien hemm qbil ukoll li għandha tintalab kjarifika fis-sens li f'kas illi ma tinstabx persuna addatata wara li ssir sejħa minn fost l-impjegati tal-kunsilli lokali kollha, ikunx possibbli li l-Kunsill imur

għall-persuna li ġiet magħzula mil-lista mgħoddija mill-ETC. Dan wara li saru l-intervisti u test prattiku marbut mad-doveri ta' skrivan fi Skala 15.

## 10.1. Tħejjijiet għal Kunċerti Mużikali fil-Bitħa tas-Santwarju (A/5/5/Vol IV)

10.2. Il-Kunsillier C. Bartolo għarraf lill-Kunsill illi huwa ltaqa' mas-sopran Andriana Jordanova u s-Sur Joseph Debono, President ta' l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, bil-għan li jitfassal il-programm għal nhar il-Ħamis 27 ta' Awissu 2009. Ġie spjegat li din l-edizzjoni ser ikun hemm aċċenn fuq il-kanzunetta Naplitana.

10.3. Ġie propost li s-serata ddum siegħa u nofs. Minbarra Andriana Jordanova ser jipparteċipaw ukoll żewġ studenti tagħha u t-tenur Joseph Aquilina, bl-akkumpanjament mużikali minn pjanista, flimkien ma' l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina. Is-Sur C. Bartolo qal li d-dettal tal-programm għad irid jiġi diskuss.

10.4. Il-Kunsill qabel mal-propost, filwaqt li ddeċieda li għandha ssir bibità għall-mistednin. Is-Segretarju ntalab sabiex jinkiseb il-permess tal-Kappillan ħalli s-serata tkun tista' issir fil-Bitħa tas-Santwarju, kif ukoll isir użu mis-siġġijiet tal-Parroċċa.

## 11.1 Tħejjijiet għal "Iljieli Melleħin 2009" (A/5/3/5/Vol II)

11.2. Is-Sindku għarraf li qed isiru diversi kuntatti, sabiex jinkiseb *sponsorship* għall-attivitajiet marbuta ma' l-Iljieli Melleħin 2009, li ser iseħħu bejn il-11 u t-13 ta' Settembru 2009. Is-Sur R. Cutajar qal li b'sodisfazzjoni jinnota li d-ditta Mekkanika Ltd diġa kkontribwiet €800 għall-istess attività.

11.3. Tressaq ukoll abbozz tal-programm li kopja tiegħu qed tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti. F'dak li jirrigwarda l-programm ta' l-10 ta' Settembru, l-attivita` li ser tkun għaddejja f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II ser ikollha konnessjoni Naplitana permezz tal-mużika u l-gastronomija tar-reġjun tal-Campania fl-Italja, bl-użu ta' prodotti Maltin. Fl-istess waqt ser tkun għaddejja wirja ta' prodotti tal-biedja u s-sajd. Id-ditta Camilleri Wines ser jarmaw bar, filwaqt li ser jisponsorjaw parti mill-ispiża nvoluta.

11.4. Fl-10 ta' Settembru ġie propost ukoll li jinġieb il-mużiċist Taljan ta' fama mondjali Francesco Cafiso li ser ikun akkumpjat minn erba' mużiċisti oħra. Is-Sur R. Cutajar qal li l-ispiża biex jinġieb dan il-mużiċist tammonta għal €5,000. €3,500 diġa ġew ikkonfermati minn żewġ ditti privati, filwaqt li għaddejjin kuntatti ma' l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu biex tagħmel tajjeb għad-differenza.

11.5. Is-Sindku spjega li dakinhar ser tasal id-delegazzjoni minn Agia Napa sabiex l-għada ser tkun qed tipparteċipa f'ċerimonja li twassal għall-iffirmar tal-ftehim tal-ġemellaġġ fil-Bitħa tas-Santwarju. Huwa qal li l-ispiża marbuta ma' din iż-żjara ser tkun koperta b'baġit speċifiku, kif jitlobu r-Regolamenti dwar il-Ġemellaġġi. Għal din l-attività mistenni li jattendi l-Ministru tal-Kummerċ, l-Industrija u t-Turiżmu Ċiprijott – Antonis Paschalides. Is-Sur R. Cutajar aċċenna li qed isiru kuntatti sabiex l-ispejjeż ta' l-akkomodazzjoni u l-ivjaġġar bl-ajru tad-delegazzjoni Ċiprijotta jkunu sponsorjati mil-lukandiera li joperaw fil-Mellieħa.

11.6. Wara li tintemm iċ-ċerimonja tal-ġemellaġġ, ġie propost li jkun hemm *stand up reception* b'ikel tradizzjonali Malti pprovdut mill-Koperattiva Rurali tal-Manikata. Huwa ppropona li dan iseħħ f'The Arches Restaurant.

11.7. Fost l-attivitajiet li ġew proposti għall-11 ta' Settembru, hemm kunċert operistiku f'Misraħ il-Parroċċa bil-parteċipazzjoni tal-kantanti La Barokka, flimkien ma' Andreana Jordanova u oħrajn. Fl-istess ħin ser ikun hemm *street performances* u *kids area* li ser tittella' bil-koperazzjoni tal-Play Mobil (Malta) Ltd.

11.8. F'dak li jirrigwarda t-13 ta' Settembru, l-attrazzjoni ewlenija ser ikun il-*musical* imtella' mill-Kor Imperial f'Misraħ il-Parroċċa, li hekk kif jintemm tingħalaq il-Maratona Sportiva li tkun ilha għaddejja 50 siegħa.

11.9. Wara li l-Kunsill iddiskuta u approva l-kontenut tal-programm kif ippreżentat fl-abbozz, kien hemm qbil fuq il-lista tal-persuni distinti li għandhom jiġu mistiedna għaċ-ċerimonja tal-ftehim tal-ġemellaġġ.

**12.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:**

**"Billi l-kuntratt li jipprovdi għal servizz ta' *Contracts Management* ser jiġi fi tmiemu fil-30 ta` Ġunju 2009 u għalhekk saret sejħa għall-offerti (3/2009) skond l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993;**

**Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2009/2010 ġiet ivvutata somma bil-għan li jingħata s-servizz imsemmi taħt il-vot 3120;**

**Jirriżolvi illi għandha tiġi addottata r-rakkomandazzjoni li saret mit-*Tender Adjudication Board* u għalhekk tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni u susseġwentement jiġi ffirmat il-kuntratt relattiv mal-Perit Joseph Attard, għall-perjodu ta' tlett snin b'effett mill-1 ta` Awwissu 2009, bir-rata annwali ta' €8,400 fis-sena.". (K/6/5/2)**

12.2. Il-Mozzjoni għaddiet unanimament wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg

**13.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:-**

**"Billi l-kuntratt kurrenti li jipprovdi għall-Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi u *Soft Areas*, ma` l-Environmental Landscapes Consortium Ltd ser jiġi fi tmiemu fit-30 ta` Ġunju 2009;**

**Billi saret sejħa għall-offerti (9/2006) skond l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, filwaqt li ġiet ivvutata somma fl-Estimi għas-sena 2009/2010, biżżejjed biex tkopri dan is-servizz taħt il-vot 3061; u**

**Billi l-*Adjudication Board* evalwa ż-żewġ offerti u għamel ir-rakkomandazzjoni tiegħu a bażi ta' prezz u kwalita` ta` servizz mogħtija mill-E.L.C. Ltd fl-aħħar sitt snin;**

**Jirriżolvi illi għandha tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lill-istess Environmental Landscapes Consortium Ltd, bil-għan li jiġi ffirmat kuntratt ta' tliet snin b'effett mill-1 ta' Awwissu 2009, bil-ħlas annwali offrut ta' €15,000, liema somma tipprovdi għall-assenjazzjoni ta' ħaddiem wieħed fil-lokalita` assistit minn minn ħaddiema oħra ta' l-istess offerent, skond il-ħtieġa.". (K/6/3)**

13.2. Il-mozzjoni għaddiet unanimanent wara li ġiet issekondata mill-Kunsill J. Buttigieg.

**14.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:-**

**"Billi skada l-kuntratt iffirmat fil-31 ta' Mejju 2009 dwar il-manutenzjoni u żamma tal-qsari f`Misraħ il-Parroċċa, fil-Belveder tas-Sur u postijiet oħra;**

**Billi saret sejħa għall-offerti (7/2009) skond l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, filwaqt li jeżistu fondi biżżejjed sabiex ikun jista' jiġi ffinanzjat dan is-servizz taħt il-vot 3061; u**

**Billi l-*Adjudication Board* evalwa l-ħames offerti li saru u irrakkomanda dik ta' Gardentech għab-bażi ta' servizz diġa mogħti fis-sitt snin preċedenti, kif ukoll għat-taħriġ tekniku li l-l-istess offerent jippossjedi;**

**Jirriżolvi illi għandha tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lis-Sur Stefan Said (Gardentech) bil-għan li jiġi ffirmat kuntratt għal tliet snin b'effett mill-1 ta' Awissu 2009.". (K/6/3/Vol II)**

14.1. Il-mozzjoni għaddiet unaniment wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

## 15.1. Ġemellaġġ mal-lokalità ta' Agia Napa (K/1/5/4)

15.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għal e-mails datata 6 u 20 ta' Lulju 2009 mibgħuta mill-Muniċipalità ta' Agia Napa fejn huwa ġie mistieden mis-Sindku ta' Agia Napa – Antonis Tsokkos – sabiex huwa jżur din il-lokalità bejn it-22 u l-25 ta' Lulju 2009. Din l-istedina ġiet milqugħa u l-ispejjeż tagħha ġew koperti mill-istess muniċipalità. Is-Sur R. Cutajar imbagħad irrefera għal memo mibgħut lill-kunsillieri kollha, li tħejja wara l-imsemmija żjara. Mill-kuntatti li huwa kellu f'Agia Napa, huwa semma l-benefiċċji u r-riżultati li mistennija jinkisbu mill-ġemellaġġ Mellieħa / Agia Napa, kif ukoll il-pjan li għandu jwassal għall-iffirmar tal-ftehim relattiv. Huwa ppropona li l-iffirmar isir fil-Mellieħa fl-ewwel jum ta' l-Iljieli Melleħin fil-11 ta' Settembru 2009, filwaqt f'Agia Napa jista' jsir fil-25 ta' Settembru 2009. Huwa rrakkomanda li għal din l-okkażjoni jista' jiġi organizzat tour bejn l-24 u t-28 ta' Settembru, li jkun kompost minn banda Melleħija u persuni oħra li jixtiequ jattendu.

15.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li mill-istima li saret, l-ispiża għall-attivitajiet ippjanati f'Malta u Ċipru mhux mistennija li jaqbżu €3,200. Intqal li l-ispiża ta' l-ivjaġġar tista' tonqos, kemm-il darba n-numru ta' persuni li jmorru Agia Napa jkun wieħed sostanzjali. Huwa spjega li l-Avviż Legali 144 ta' l-2009 jistipula li f'sena waħda l-ispiża fuq il-ġemellaġġ m'għandiex taqbeż €3,500 jew 0.5% ta' l-Allokazzjoni Finanzjarja għal din is-sena.

15.4. Il-Kunsillier C. Bartolo kkummenta li huwa nfurmat illi qabel seħħ il-ġemellaġġ ma' Adenau u Cavriglia, kienu saru żjarat ta' familjarizzazzjoni minn delegazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li huwa żar Agia Napa fuq stedina ta' Antonis Tsokkos, liema żjara ma kienet tinvolvi ebda nefqa għall-Kunsill. Huwa fakkar li l-istess kuntatti bdew aktar kmieni fl-2009 waqt li l-Viċi Sindku E. Bartolo ltaqa' mal-Viċi Sindku ta' Agia Napa, kif jirriżulta mill-minuti tal-Kunsill.

15.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li qabel mal-proposti mressqa mis-Sindku

## 16.1. Ftuħ taċ-ċimiterji fil-lokalità (C/7)

16.2. Is-Sindku għarraf li saru rappreżentazzjonijiet mad-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali bil-għan li jiġu estiżi l-ħinijiet tal-ftuħ taċ-ċimiterji, kemm fin-numru tal-ġranet, kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-ħinijiet tal-ftuħ u l-għeluq. Is-Sur R. Cutajar qal li din il-faċilità mhux possibbli tingħata mid-Dipartiment, minħabba nuqqas ta' riżorsi umani. Għaldaqstant, permess tal-ħaddiema ta' l-IPSL dawn ser jibdew jinfetħu mit-Tnejn sas-Sibt, bejn it-8.00am u t-3.00pm. Il-Kappillan offra li jiftaħ Ċimiterju Sultana tal-Vittorji nhar ta' Ħadd.

16.3. Il-Kunsill innota u approva l-arranġamenti li saru.

## 17.1. *Resurfacing* tal-Moll tat-Tunnara (T/4/13/Vol X)

17.2. Is-Sindku ppropona li għandu jingħata wiċċ ġdid bit-tarmak fuq il-Moll tat-Tunnara, bil-għan li l-post jieħu dehra aktar nadifa, kif ukoll ikunu jistgħu jiġu mmarkati l-postijiet li ser jiġu riżervati għall-opri tal-baħar użati mis-sajjieda, kif ukoll ikun hemm postijiet fejn jipparkjaw il-vetturi tagħhom.

17.3. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta, sakemm wara li jsir stima mill-*Contract Manager* ma jinqabisx il-*budget* allokat għar-*Resurfacing* ta' Toroq (Vot Nru. 7502) għas-Sena Finanzjarja 2009/2010. Fil-każ li hemm fondi biżżejjed, għandu jibda l-proċess ta' kordinazzjoni meħtieġa ma' l-entitajiet konċernati.

## 18.1. Logħob għat-tfal u żgħażagħ fil-Manikata (S/4/2/Vol III)

18.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li huwa kellu kuntatti ma' xi żgħażagħ mill-Manikata dwar il-possibiltà li jiġi organizzat xi logħob għat-tfal u ż-żgħażagħ, li jkun divertenti kemm għalihom, kif ukoll għall-kbar li jkunu qed jarawhom. Huwa ssuġġerixxa li din l-attività issir nhar it-Tlieta 25 ta' Awwissu 2009 fi Triq Dun Manwel Grima, bil-għan li tkun qrib kemm jista' jkun il-Festa ta' San Ġużepp, iċċelebrata fl-istess raħal.

18.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 19.1. Tisbiħ ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa (P/4/20/Vol II)

19.2. Il-Viċi Sindku ppropona li bħala parti mill-proġett imfassal għall-misraħ imsemmi, għandu jsir pavimentar minflok it-tarmak eżistenti. Dan bil-għan li l-misraħ jkun aċċessibbli għall-*pedestrians* u għall-vetturi biss ta' dawk li għandhom garaxx.

19.3. Il-Kunsill innota li dan jinvolvi bdil fil-permess li diġa nħareġ mill-MEPA.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-11.55pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 12 ta' Awwissu 2009, fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**